



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għall-Affarijiet Barranin*

---

**2009/2219(INI)**

18.3.2010

## **ABBOZZ TA' OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-istandards soċjali u ambjentali fil-ftehimiet  
għall-kummerċ internazzjonali  
(2009/2219(INI))

Rapporteur: David Martin

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarjiet Barranin jitlob lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni tiegħu għal riżoluzzjoni:

1. Jitlob biex in-negozjati u l-arranġamenti għall-kummerċ kollha tal-UE ma' pajjiżi terzi jinkludu studju tal-impatt tad-drittijiet tal-bniedem li jqis il-konsegwenzi ta' vantaġġi speċifiċi għall-kummerċ mogħtija mill-UE jew lilha;
2. Jitlob lill-Kummissjoni biex tiżviluppa sistema ta' punti ta' referenza aktar konsistenti għall-pajjiżi kollha li huma assistiti mis-sistema tal-SĠP+ sabiex, b'mod ċar u trasparenti, jiġu monitorjati kisbiet kif ukoll kontrattamenti fl-iżvilupp tad-drittijiet tal-bniedem;
3. Jikkunsidra, f'dan il-kuntest, li f'leġislazzjoni futura l-Parlament għandu jinsisti fuq arranġament li bih il-vantaġġi għall-kummerċ, inklużi dawk li jirriżultaw mill-ftehimiet għall-kummerċ ħieles, jistgħu jiġu sospiżi b'mod temporanju mill-Kummissjoni biss jekk tinstab biżżejjed evidenza ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem jew tal-ħaddiema, jew fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq talba ta' Stat Membru jew tal-Parlament Ewropew.
4. Jenfasizza li għandhom jinstabu modi għall-monitoraġġ aktar mill-viċin tal-allegazzjonijiet ta' ksur serju jew sistematiku tad-drittijiet tal-bniedem jew tal-ħaddiema; f'dan il-kuntest, jissuġġerixxi li jista' jagħti l-każ li jiġi kkunsidrat l-involvement tar-rappreżentanti tal-UE (attwalment mill-Kummissjoni, jew fil-futur mis-SEAE) fil-missjonijiet tal-investigazzjoni mwettqa skont proċeduri speċjali tan-NU fejn hemm implikazzjonijiet għall-ftehimiet għall-kummerċ tal-UE;
5. Jistieden lill-Kummissjoni biex tressaq proposta għal regolament li jipprojbixxi l-importazzjoni fl-UE ta' prodotti mmanifatturati permezz tal-iskjavitù jew tax-xogħol furzat bi ksur tal-istandards tad-drittijiet bażiċi tal-bniedem; jenfasizza li tali regolament irid jippermetti li l-UE tinvestiga ilmenti speċifiċi;
6. Jistieden lill-Kummissjoni biex tirrevedi r-regolamenti tal-esportazzjoni tal-UE fid-dawl tal-ambitu tat-trasferiment ta' teknoloġija, inkluż softwer sofistikati tal-Internet għall-iskennjar u ċ-ċensura, għal sistemi oppressivi; jitlob lill-Kummissjoni biex tressaq proposta għal regolament dwar is-sistema l-ġdida ta' liċenzjar jekk din ir-reviżjoni tissuġġerixxi li hija meħtieġa azzjoni leġislattiva.